C/2026/5543

27.10.2026

Pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni ta' emenda standard approvata ta' speċifikazzjoni tal-prodott ta' indikazzjoni ġeografika f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 [1]

(C/2026/5543)

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

(Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2024/1143)

"Bresaola della Valtellina"

Numru ta' referenza tal-UE: PGI-IT-1525-AM01 — 30.7.2026

1. **Isem il-prodott**

"Bresaola della Valtellina"

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☐ DOP

☑ IĠP

3. **Settur**

☑ Prodotti agrikoli

☐ Inbejjed

☐ Xarbiet spiritużi

4. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika**

L-Italja

5. **Awtorità tal-Istat Membru li tikkomunika l-emenda standard**

Isem

Il-Ministeru għall-Agrikoltura, għas-Sovranità tal-Ikel u għall-Forestrija - id-Dipartiment għas-Sovranità tal-Ikel u għall-Isports Ekwestri

6. **Kwalifika bħala emenda standard**

L-emendi għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott għall-IĠP "Bresaola della Valtellina" ma humiex emendi tal-Unjoni peress li ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2024/1143, jiġifieri:

— ma jinkludux bidla fl-isem jew fl-użu tal-isem;

— ma jirriskjawx li jxejnu r-rabta maż-żona ġeografika msemmija fid-dokument uniku; u

— ma jinvolvux restrizzjonijiet ulterjuri fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.

7. **Deskrizzjoni tal-emenda/i standard approvata/i**

Titolu

Emenda tal-Artikolu 4. Sostituzzjoni ta' "klorur tas-sodju" b'"melħ li jittiekel"

[1] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/27 tat-30 ta' Ottubru 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar ir-reġistrazzjoni u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u termini tal-kwalità mhux obbligatorji u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) Nru 664/2014 (ĠU L, 2025/27, 15.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/27/oj).

Deskrizzjoni

Emenda 1

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 4, il-paragrafu 2, tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott iżda ma tikkonċernax id-dokument uniku.

Deskrizzjoni: l-emenda tissostitwixxi t-terminu “klorur tas-sodju” bit-terminu “melħ li jittiekel”.

Raġuni: l-emenda hija meħtieġa minħabba li, fil-prattika tal-industrija tal-ikel, il-klorur tas-sodju huwa kkummerċjalizzat bħala melħ li jittiekel, li r-rekwiżiti tiegħu jridu jikkonformaw mad-Digriet Ministerjali Nru 106 tal-31 ta’ Jannar 1997 dwar ir-Regolament dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-melħ li jittiekel”, ippubblikat fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika Taljana, is-Serje Ġenerali Nru 94, tat-23 ta’ April 1997.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Emenda tal-Artikolu 4. L-użu ta’ kulturi mikrobiċi li jibdew il-proċess

Deskrizzjoni

Emenda 2

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 4, il-paragrafu 2, tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott iżda ma tikkonċernax id-dokument uniku.

Deskrizzjoni: l-emenda tintroduċi l-possibbiltà li jintużaw kulturi mikrobiċi starter magħżula – li jappartjenu għall-ġeneru *Staphylococcus*, *Lactobacillus*, *Pediococcus*, *Micrococcus*, *Debaryomyces* – miżjuda mat-taħlita tal-ippreservar (*concia*) li tradizzjonalment titferrex fuq il-wiċċ ta’ barra tal-laħam (il-massa tal-muskoli) użata għall-produzzjoni tal-“Bresaola della Valtellina”.

Raġuni: l-użu possibbli ta’ kulturi mikrobiċi huwa maħsub biex itejjeb il-kontroll tal-fermentazzjoni u s-sikurezza mikrobijoloġika billi jbaxxi l-pH, u b’hekk jagħmel l-ambjent sfavorevoli għall-proliferazzjoni tal-patoġeni. Minħabba l-funzjoni tal-kulturi mikrobiċi, huwa possibbli li jitnaqqas l-użu tal-melħ fit-tħejjija tal-“Bresaola della Valtellina”, f’konformità mar-rakkomandazzjonijiet nutrizzjonali proposti wkoll mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-kontenut tas-sodju fid-dieta, u dwar l-użu tal-addittivi tal-ikel. Il-kulturi mikrobiċi starter jirreferu għal starters mikrobiċi li jappartjenu għall-ġeneri *Staphylococcus*, *Lactobacillus*, *Pediococcus*, *Micrococcus* u *Debaryomyces* użati għall-preparazzjoni taz-zalzett tal-laħam, li t-teknoloġija tal-produzzjoni tagħhom ma tinvolvix trattament bis-sħana, fis-sens tad-Digriet tal-Ministeru tas-Saħħa tat-28 ta’ Diċembru 1994 li jikkonċerna l-użu tal-kultura starter “starters mikrobiċi” - fil-preparazzjoni taz-zalzett tal-laħam, li t-teknoloġija tal-produzzjoni tiegħu ma tinvolvix trattament bis-sħana, ippubblikata fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika Taljana, is-Serje Ġenerali Nru 89, tal-15 April 1995.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Emenda tal-Artikolu 4. Perjodu minimu tat-tmelliħ u l-immastellar f’vakwu

Deskrizzjoni

Emenda 3

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 4, il-paragrafu 3, tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott iżda ma tikkonċernax id-dokument uniku.

Deskrizzjoni: l-emenda żżid l-għażla li jitnaqqas il-perjodu minimu ta’ tmelliħ fin-niexef minn 10 ijiem għal 7 ijiem fil-każ tal-użu tal-kulturi mikrobiċi msemmija fl-Artikolu 4(2) u l-użu tal-immastellar f’vakwu.

Raġuni: l-emenda hija meħtieġa għaliex l-użu ta' kulturi mikrobiċi starter jaċċelera t-tnaqqis tal-pH u l-istabbilizzazzjoni tal-mikroflora, u b'hekk jgħin biex jinkisbu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-preservazzjoni tal-prodott f'ammont ta' żmien iqsar. Ir-raġuni għat-tnaqqis tal-perjodu minimu ta' tmelliħ fil-każ tal-immastellar f'vakwu hija l-penetrazzjoni aktar mgħaġġla u uniformi tal-melħ u l-ingredjenti fit-taħlita tal-ippreservar fil-laħam, bħala riżultat ta' azzjoni mekkanika f'ambjent ħieles mill-ossiġnu.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Emenda tal-Artikolu 4. Ippakkjar f'budellat wieħed ta' żewġ biċċiet individwali tal-laħam

Deskrizzjoni

Emenda 4

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 4, il-paragrafu 4, tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott iżda ma tikkonċernax id-dokument uniku.

Deskrizzjoni: l-emenda żżid l-għażla li żewġ biċċiet laħam separati jiġu ppakkjati f'budellat wieħed, filwaqt li tistabbilixxi li l-użu tat-transglutaminaži huwa pprojbit f'tali każijiet.

Raġuni: dan il-metodu jagħmilha possibbli li jiġi ottimizzat it-tqattigħ mekkanizzat tal-"Bresaola della Valtellina". Il-projbizzjoni tal-użu tat-transglutaminaži tiżgura li ż-żewġ biċċiet laħam ippreparati f'konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott jingħaqdu flimkien biss permezz ta' pressjoni mekkanika u maturazzjoni sussegwenti, u b'hekk jiġi evitat l-użu ta' enzimi li jistgħu jbiddlu l-istruttura tal-proteini tal-laħam maħsub għall-produzzjoni tal-"Bresaola della Valtellina".

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Emenda tal-Artikolu 7. Dispożizzjoni dwar il-kontrolli

Deskrizzjoni

Emenda 5

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 7 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott iżda ma tikkonċernax id-dokument uniku.

Deskrizzjoni: L-emenda tneħħi d-dispożizzjoni fl-Artikolu 7 dwar il-kontrolli.

Raġuni: it-tħassir huwa aġġornament neċessarju biex l-ispeċifikazzjoni tal-prodott tiġi konformi mal-leġiżlazzjoni kurrenti tal-UE kemm dwar il-verifiki tal-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott kif ukoll dwar il-kontrolli uffiċjali tas-saħħa.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Emenda tal-Artikolu 8. Numerazzjoni mill-ġdid tal-Artikolu 8

Deskrizzjoni

Emenda 6

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 8 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott iżda ma tikkonċernax id-dokument uniku.

Deskrizzjoni: L-emenda sempliċement tinnumera mill-ġdid l-Artikolu 8 bħala l-Artikolu 7.

Raġuni: L-emenda hija meħtieġa minħabba l-istruttura l-ġdida tal-artikoli fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Emenda tal-Artikolu 8. Il-kamp viżiv tal-isem

Deskrizzjoni

Emenda 7

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 8, il-paragrafu 1, tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u l-punt 4.6 tad-dokument uniku.

Deskrizzjoni: l-emenda żżid l-obbligu li l-isem “Bresaola della Valtellina” jitqiegħed fil-kamp viżiv ewlieni tat-tikketta.

Raġuni: l-għan ta’ din l-emenda huwa li jsaħħaħ il-profil tal-isem billi jitqiegħed fl-aktar pożizzjoni prominenti fuq it-tikketta u li jiġi identifikat immedjatament sabiex il-konsumaturi jingħataw informazzjoni ċara u korretta.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Emenda tal-Artikolu 8. Sostituzzjoni ta’ “simbolu” b’“abbrevjazzjoni”

Deskrizzjoni

Emenda 8

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 8, il-paragrafu 1, tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u l-punt 4.6 tad-dokument uniku.

Deskrizzjoni: l-emenda tissostitwixxi s-“simbolu” tal-Indikazzjoni Ġeografika Protetta b’“abbrevjazzjoni”

Raġuni: L-emenda ġġib it-terminoloġija tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott konformi mal-Artikolu 37(6) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Emenda tal-Artikolu 8. Speċifikazzjoni fuq is-simbolu tal-IĠP tal-Unjoni

Deskrizzjoni

Emenda 9

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 8, il-paragrafu 1, tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u l-punt 4.6 tad-dokument uniku.

Deskrizzjoni: l-emenda tispeċifika li s-simbolu li għandu jitqiegħed fuq it-tikketta huwa s-“simbolu tal-UE għall-IĠP”.

Raġuni: l-emenda hija meħtieġa għal aktar ċarezza tad-dispożizzjoni f’konformità mar-regoli tal-Unjoni Ewropea fis-seħħ, stabbiliti fl-Artikolu 37(2) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Emenda tal-Artikolu 8. Sostituzzjoni ta’ “KE” b’“UE”.

Deskrizzjoni

Emenda 10

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 8, il-paragrafu 1, tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u l-punt 4.6 tad-dokument uniku.

Deskrizzjoni: L-emenda titssostitwixxi “KE” b’“UE”.

Raġuni: l-emenda hija meħtieġa sabiex it-test tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ikun konformi mal-fatt li fl-1992 l-Unjoni Ewropea saret is-suċċessur tal-Komunità Ewropea.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Emenda tal-Artikolu 8. Speċifikazzjoni tal-metodu ta’ kummerċjalizzazzjoni “f’qatgħat”

Deskrizzjoni

Emenda 11

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 8, il-paragrafu 4, tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u l-punt 4.5 tad-dokument uniku.

Deskrizzjoni: l-emenda tispeċifika l-metodu ta' kummerċjalizzazzjoni "f'qatgħat", billi taqsam it-tipi differenti ta' qatgħat f'"kubi, biċċiet żgħar, strixxi rqaq u strixxi maqtugħin stil julienne".

Raġuni: din l-emenda tirrispondi għall-ħtieġa għal tipi differenti ta' tqattigħ f'konformità mar-rekwiżiti kontemporanji għall-konsum tal-prodott.

☑ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Emenda tal-Artikolu 8. Speċifikazzjoni mal-verifika tal-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott

Deskrizzjoni

Emenda 12

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 8, il-paragrafu 4, tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott iżda ma tikkonċernax id-dokument uniku.

Deskrizzjoni: l-emenda tissostitwixxi l-kliem "taħt is-superviżjoni tal-korp ta' spezzjoni msemmi fl-Artikolu 7" bil-kliem "f'konformita mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott".

Raġuni: ir-referenza għall-verifika tal-konformità mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott ġiet ifformulata mill-ġdid biex tqis it-tħassir tal-Artikolu 7, filwaqt li jitqies li l-imballaġġ, it-tfettit u t-tqattigħ iridu jsiru fiż-żona tipika tal-produzzjoni, kif stabbilit fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott kurrenti.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Emenda tal-Artikolu 8. Dispożizzjoni dwar ir-rabta mal-ambjent

Deskrizzjoni

Emenda 13

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 8 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott iżda ma tikkonċernax id-dokument uniku.

Deskrizzjoni: l-emenda żżid mal-Artikolu 8 dispożizzjoni speċifika ddedikata għar-"Rabta mal-ambjent", kif previst fil-punt 5 tad-dokument uniku, ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, Serje C Nru 321, tas-26.11.2010.

Raġuni: iż-żieda ġġib l-ispeċifikazzjoni konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea fis-seħħ fl-Artikolu 49(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

Titolu

Emenda tal-Artikolu 9. Dispożizzjoni dwar il-prova tal-oriġini

Deskrizzjoni

Emenda 14

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 9 tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott iżda ma tikkonċernax id-dokument uniku.

Deskrizzjoni: L-emendi jżidu l-Artikolu 9 "Prova tal-oriġini" mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u jiddikjaraw li huwa neċessarju li l-partijiet kollha fil-katina tal-produzzjoni tal-IĠP jiġu mmonitorjati u mqiegħda taħt il-kontroll tal-korp delegat.

Raġuni: iż-żieda ta' dan l-artikolu hija meħtieġa biex l-ispeċifikazzjoni tal-prodott tiġi konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea fis-seħħ.

☐ L-emenda taffettwa d-dokument uniku.

DOKUMENT UNIKU

Denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi ta' prodotti agrikoli

"Bresaola della Valtellina"

Numru ta' referenza tal-UE: PGI-IT-1525-AM01 — 30.7.2026

1. **Isem/Ismijiet**

"Bresaola della Valtellina"

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

☐ DOP

☑ IĠP

3. **Pajjiż li għalih tappartjeni ż-żona ġeografika definita**

L-Italja

4. **Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu**

4.1. *Klassifikazzjoni tal-prodott agrikolu f'konformità mal-intestatura u l-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2024/1143*

0210 20 90 - mingħajr għadam (*disossat*)

4.2. *Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu li għalih japplika l-isem reġistrat*

L-Indikazzjoni Ġeografika Protetta "Bresaola della Valtellina" hija prodott tal-laħam bovin, mielaħ u mmaturat b'mod naturali, li jittiekel nej. Il-forma tiegħu hija dik tal-muskoli użati biex isir. Għal raġunijiet kummerċjali, dawn jiġu mirquma u b'hekk jieħdu forma ċilindrika. Għal bżonnijiet speċifiċi jistgħu jiġu ppressati f'forma ta' briks. L-IĠP "Bresaola della Valtellina" trid tiġi ppakkjata f'budellati naturali jew artifiċjali, u mnixxfa u mmaturata f'kundizzjonijiet klimatiċi kapaċi li jwasslu, waqt tnaqqis bil-mod u gradwali tal-indewwa, għal fermentazzjoni naturali u proċessi enżimatiċi, tali li jwasslu għal bidliet maż-żmien li jagħtu lill-prodott il-karatteristiċi organolettiċi tipiċi tiegħu u biex jiżguraw il-preservazzjoni u l-benna tiegħu f'temperatura ambjentali normali. Fir-rigward tal-karatteristiċi organolettiċi tal-prodott, il-konsistenza tiegħu hija soda u elastika; id-dehra tiegħu meta jinqata' hija kompatta u mingħajr xquq; il-parti dgħif hija ta' kulur aħmar uniformi b'bordura skura li bilkemm tidher, filwaqt li l-parti xaħmija hija bajda; ir-riħa tiegħu hija delikata u kemxejn aromatika; u t-togħma tiegħu hija pjaċevoli, moderatament qawwija u qatt ma tkun qarsa. Karatteristiċi kummerċjali: (a) *fesa* Bresaola: mill-inqas 3,5 kg; (b) *punta d'anca* Bresaola: (b)(1) għandu jinbiegħ sħiħ jew f'biċċiet ħoxnin: mill-inqas 2,5 kg; (b)(2) għandu jiġi mballat minn qabel għat-tqattigħ f'pakketti f'vakwu jew f'pakketti b'atmosfera modifikata: mill-inqas 2,0 kg; (c) *sottofesa* Bresaola: mill-inqas 1,8 kg; (d) *magatello* Bresaola: mill-inqas 1,0 kg; u (e) *sottosso* Bresaola: mill-inqas 0,8 kg.

Il-"Bresaola della Valtellina" hija prodotta mil-laħam taċ-ċanga tal-frat ta' bejn 18-il xahar u 4 snin miksub esklużivament mill-gruppi ta' muskoli tal-koxxa li ġejjin: *fesa* (parti ta' fuq): din hija l-parti posterjuri tan-nofs tal-muskolatura tal-koxxa u li tinkludi l-muskolu rett intern, il-muskolu adduttur u l-muskolu semimembranuż; *punta d'anca*: din hija l-parti tal-*fesa* mingħajr il-muskolu adduttur; *sottofesa* (luċertu): is-sezzjoni tal-parti laterali posterjuri, jiġifieri l-muskolu biceps femoris; *magatello* (għolja tal-koxxa): is-sezzjoni tal-parti laterali posterjuri, jiġifieri l-muskolu biceps femoris; u *sottosso* (falda ħoxna): il-parti anterjuri tal-koxxa magħmula mill-muskolu rett anterjuri u mill-muskolu vast estern, intern u intermedju.

4.3. *Derogi dwar l-akkwist ta' għalf (għal prodotti li joriġinaw mill-annimali ddeżinjati b'Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta biss) u restrizzjonijiet fuq l-akkwist ta' materja prima (għal prodotti proċessati ddeżinjati minn Indikazzjoni Ġeografika Protetta biss)*

—

4.4. *Passi speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jsiru fiż-żona ġeografika definita*

Il-passi fil-produzzjoni tal-IĠP "Bresaola della Valtellina" li jridu jsiru fiż-żona tipika tal-produzzjoni huma kif ġej: it-tirqim, it-tmelliħ fin-niexef, l-ippakkjar fil-budellati, it-tnixxif, il-maturazzjoni, it-tfettit, it-tqattigħ u l-imballaġġ.

4.5. *Regoli speċifiċi dwar l-imballaġġ, it-tfettit, it-taħkik, eċċ. tal-prodott agrikolu li għalih jirreferi l-isem reġistrat*

Il-"Bresaola della Valtellina" tista' tiġi mballata f'pakketti f'vakwu u b'atmosfera modifikata sħiħa, f'qatgħat, fi flieli ħoxnin jew imqattgħin. L-imballaġġ, it-tfettit u t-tqattigħ iridu jsiru fiż-żona tal-produzzjoni kif definita fil-punt 5 biex jiġu evitati l-effetti tal-bidliet fit-temperatura u l-umdità matul l-istadju tat-trasport, li jistgħu jaffettwaw ħażin in-natura tal-prodott u, b'hekk, il-karatteristiċi tal-kwalità finali tiegħu.

4.6. *Regoli speċifiċi dwar it-tikkettar tal-prodott agrikolu li għalih jirreferi l-isem reġistrat*

It-tikketti għall-"Bresaola della Valtellina" għandhom jinkludu dan li ġej: l-isem "Bresaola della Valtellina", li ma jistax jiġi tradott u jrid jidher fil-kamp viżiv ewlieni fuq it-tikketta b'karattri ċari u li ma jitħassrux li jistgħu jiġu distinti b'mod ċar minn kull formulazzjoni oħra, segwit b'karattri stampati tal-istess daqs mill-abbrevjazzjoni tal-IĠP u s-simbolu tal-Unjoni tal-Indikazzjoni Ġeografika Protetta, li jrid jingħata fil-lingwa li biha l-prodott qed jiġi kkummerċjalizzat u fil-forma permessa mill-UE.

5. **Definizzjoni qasira taż-żona ġeografika**

Skont tradizzjoni li ilha teżisti, iż-żona tal-produzzjoni tal-"Bresaola della Valtellina" hija limitata għat-territorju kollu tal-provinċja ta' Sondrio. "Valtellina" huwa l-isem tal-wied ewlieni fil-provinċja.

6. **Rabta maż-żona ġeografika**

Ir-rabta kawżali mal-oriġini ġeografika hija bbażata fuq

☑ reputazzjoni

☐ kwalità nominali

☐ karatteristiċi oħra

Sommarju tar-rabta

Speċifiċità taż-żona ġeografika

Iż-żona tal-produzzjoni tal-IĠP "Bresaola della Valtellina" hija magħmula minn grupp ta' widien Alpini li jinsabu bejn l-Alpi Retiċi u l-Prealpi Orobji, fejn it-temperaturi huma relattivament baxxi anke fis-sajf, l-umdità hija baxxa, ir-riħ jirriżulta mill-varjazzjonijiet fit-temperatura kkawżati mill-Lag Como u l-arja hija niexfa. Il-kombinazzjoni distintiva ta' dawn il-fatturi klimatiċi u ambjentali toħloq kundizzjonijiet ottimali għall-maturazzjoni bil-mod u gradwali tal-prodott. Man-natura speċifika tal-klima jiżdiedu l-bżulija u l-ħiliet tekniċi tal-popolazzjoni lokali. Dawn ġew żviluppati u mgħoddija tradizzjonalment minn ħaddiem għal ieħor matul ġenerazzjonijiet, u huma l-fattur essenzjali fil-produzzjoni tal-IĠP "Bresaola della Valtellina".

Speċifiċità tal-prodott

Meta tiġi rilaxxata għall-konsum, l-IĠP "Bresaola della Valtellina" ikollha l-karatteristiċi kimiċi u kimiċi/fiżiċi preċiżi li ġejjin: proteina: Bresaola mqattgħa, f'pakketti bil-vakwu jew f'imballaġġ b'atmosfera modifikata: minimu 33 %; it-tipi l-oħra kollha ta' imballaġġ: minimu 30 %. Indewwa (stat naturali): Bresaola *punta d'anca* ppakkjata sfuża: massimu 63 %; Bresaola *punta d'anca* ppakkjata bil-vakwu: massimu 62 %; Bresaola *magatello* ppakkjata bil-vakwu: massimu 60 %; Bresaola mqattgħa, f'pakketti bil-vakwu jew f'imballaġġ b'atmosfera modifikata: massimu 60 %; għat-tipi l-oħra kollha ta' qatgħat jew ta' imballaġġ: massimu 65 %. Xaħam: massimu 7 %. Irmied: minimu 4 %. Klorur tas-sodju: massimu 5 %.

Rabta kawżali bejn iż-żona ġeografika u l-kwalità jew il-karatteristiċi tal-prodott (għad-DOP) jew il-kwalità speċifika, ir-reputazzjoni jew karatteristiċi oħra tal-prodott (għall-IĠP)

Il-kwalitajiet tal-IĠP "Bresaola della Valtellina" jiddependu fuq il-kundizzjonijiet ambjentali u l-fatturi naturali u umani. Il-kundizzjonijiet klimatiċi distintivi tal-Valtellina, li testendi mil-lonġitudni bejn l-Alpi Retiċi u l-Prealpi Orobji, ippermettew li jinkiseb, permezz ta' tmelliħ ħafif, prodott tal-laħam tar-riġel taċ-ċanga li għandu togħma delikata u tarezza li tagħmlu partikolarment appetituż. L-IĠP "Bresaola della Valtellina" kisbet l-isem u r-reputazzjoni tagħha bis-saħħa taż-żona ġeografika li minnha oriġinat. Żmien ilu, il-preservazzjoni tal-laħam kollu permezz tat-tmelliħ u t-tnixxif kienet prattika komuni. It-tekniki mtejba tal-produzzjoni tal-ikel, iż-żieda fid-diversifikazzjoni u l-użu ta' metodi differenti ta' preservazzjoni ħadu post l-użu ta' laħam imnixxef u mmellaħ. Xi kitbiet mill-1400 diġà jagħtu xhieda tal-użu fil-Valtellina tat-tmelliħ u t-tnixxif tar-riġlejn taċ-ċanga. L-oriġini tal-isem tidher li tmur lura għat-terminu "salaa come brisa" fid-djalett tal-Valtellina. Dan wassal għal "brisaola", li sussegwentement ġie tradott bit-Taljan bħala "bresaola". Id-dizzjunarju ta' Palazzi "Novissimo dizionario della lingua italiana" (edizzjoni tal-1974) jiddefinixxi l-bresaola bħala "laħam taċ-ċanga mnixxef u mmellaħ tipiku tal-Valtellina". Fl-aħħar nett, il-bżulija u l-ħiliet tekniċi pperfezzjonati u mgħoddija tradizzjonalment minn ħaddiem għal ieħor huma fattur essenzjali fil-manifattura ta' dan il-prodott, li l-karatteristiċi speċifiċi tiegħu jibqgħu marbuta kemm ma' fatturi ambjentali kif ukoll ma' fatturi umani.

Referenza elettronika (URL) għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://www.masaf.gov.it/flex/cm/pages/ServeBLOB.php/L/IT/IDPagina/3339